



# Naqriet dwar id-Devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes fil-Gżejjer Maltin

**minn Guido Lanfranco**

Ħafna punti ta' informazzjoni dwar id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes fil-gżejjer tagħna ma jinħtiġux kitba fit-tul u, jekk nistennew li xi darba niktbu fuq kull wieħed minnhom artiklu mdaqqas, nispiċċaw ma nsemmuhom qatt. Għalhekk hawn ġbart flimkien ftit naqriet li jidhirli li ma semmejthomx f'kitbiet oħra qabel. Madankollu huma dejjem għandhom ikunu ta' nteress u utli biex tinżamm ħajja d-devozzjoni.

## Ex voto

L-*ex voto* huma oġġetti, tifkiriet jew tpinġijiet popolari li jitħallew f'xi santwarju bħala ringrazzjament ta' xi grazzja maqlugħa. Jeżisti nkwatru *ex voto* pinġut minn wieħed B. Magro fis-snin 40 tas-seklu 20, li juri l-bajja ta' Għajn Tuffieħa bil-mewġ ta' baħar qawwi u f'nofsha raġel qed jegħreq u l-kelmiet 'Maria', 'Maria' miktubin ħerġin minn ħalqu. Fuq il-lemin tal-inkwatru tidher ix-xbiha tal-Madonna ta' Lourdes.[1]

## F'Tas-Sliema

Fil-Ġnien Indipendenza bejn it-Torri u l-Balluta, fl-inħawi tal-*Exiles* tqiegħdet statwa tal-Madonna ta' Lourdes u Santa Bernardina. Minn ġol-ġnien bilkemm tidher, imma mill-*promenade* li jħares 'l isfel lejn il-ġnien tidher sewwa, anzi għamluha hemm biex ma jkunx hemm bżonn tinżel fil-ġnien. Saret lok ta' devozzjoni u jkollha tazzi bix-xemgħa jixgħelu quddiemha. Magħha hemm ukoll tabelli li jistiednu lid-devoti biex fl-ewwel Ħadd ta' kull xahar jiltaqgħu quddiemha biex jingħad ir-Rużarju, fl-4pm fix-xitwa u fis-7pm fis-sajf.

## Fil-Wardija

Quddiem il-knisja tal-Madonna tal-Abbandunati hemm grotta tal-Madonna ta' Lourdes. Din kienet saret mill-konti Bernardino Manduca għall-ħabta tal-1908 meta l-knisja u l-inħawi ġew f'idejh fil-bidu tas-seklu għoxrin.[2]

## Il-Kunċizzjoni f'ras-is-sodda

Billi l-Madonna ta' Lourdes stess qalet li hi il-Kunċizzjoni tajjeb insemmu kurżità dwarha. Is-sodod tal-imgħoddi, l-aktar fid-djar tas-sinjuri, kienu magħmulin aktar elaborati u artistiċi. Fost oħrajn, it-testiera ta' ras is-sodda kienet tkun dekorata u xi drabi skulturata, imma kienet drawwa li tkun pitturata bix-xbiha tal-Kunċizzjoni. Għal din il-pittura tintgħażel il-Madonna taħt dan l-isem għax awtomatikament il-konċepiment hu assoċjata wkoll mal-fertilità u għalhekk il-Madonna b'dan it-titolu hija patruna ta' dik li tkun se ssir jew trid issir omm. Nistgħu naraw eżempji ta' dawn it-testieri din fil-Mużew ta' Wignacourt ir-Rabat, fil-Casa Rocca Piccola l-Belt, u fil-Palazz tal-Inkwiżitur tal-Birgu.



## Biċċa ġebla mill-grotta ta' Lourdes

Fis-7 ta' Frar 2010, fil-knisja parrokkjali ta' Għajnsielem saret quddiesa konċelebrata mill-Isqof t'Għawdex. Wara l-quddiesa saret preżentazzjoni lill-isqof ta' biċċa ġebla mdaqqsa maqtuha mill-grotta ta' Lourdes. Din ir-relikwa nġiebet minn Dun Joe Cardona, Sr. Antoinette Pace u Joe Xuereb. Xuereb kien ilu jikkorrespondi mal-awtoritajiet tal-grotta ta' Lourdes minn xi ftit snin qabel. Il-ġebla



kienet rigal mid-direttur tas-santwarju ta' Lourdes, Francis Dias. Ġiet depożitata għad-devoti fil-knisja ta' Lourdes tal-Imġarr, Għawdex.[3]

## F'kalamità naturali

Fl-1885 kien hemm epidemija serja tad-difterite.[4] Fil-25 ta' Ottubru 1885 sar pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes mill-knisja ta' San Ġorġ Għawdex għall-knisja tal-kapuċċini, waqt talb biex tieqaf l-epidemja. F'Diċembru 1889 ħallew l-istatwa esposta fil-knisja waqt li talbu għax-xita, u f'Jannar 1923 saret purċissjoni votiva bl-istatwi tal-Madonna ta' Lourdes flimkien ma' dik ta' San Ġorġ u ta' Sant'Ursla biex jieqfu t-terremoti.[5] L-ewwel terremot inħass fil-15 ta' Jannar 1923 wara nofsinhar, u komplew jinħassu theżżiżiet f'xi ħinijiet għal xi jiem wara. Jidher li aktar inħass f'Għawdex milli f'Malta.[6]

## Fil-Birgu

Hemm inkwatru bil-gwarniċ tal-fidda fil-knisja ta' San Lawrenz li juri lill-Madonna ta' Lourdes. Dan pinġih Carlo Ignazio Cortis fl-1875, 17-il sena biss wara l-apparizzjonijiet. Jidher li bħala mmaġni ta' Lourdes hu wieħed mill-aktar bikrin f'Malta.[7]

## Fl-Imsieraħ / San Ġwann

Fejn kien hemm l-Imsieraħ fis-snin sittin sar uffiċjalment jismu San Ġwann minħabba l-knisja żgħira ta' San Ġwann, imma bħala parroċċa dedikata lill-Madonna ta' Lourdes. L-istatwa titulari, tal-injam, inħadmet Bolzano u waslet Malta fis-17 ta' Ġunju 1960. Tbierket fil-parroċċa ta' Sant' Elena, Birkirkara fit-23 ta' April 1961 u twasslet l-Imsieraħ permezz ta' pellegrinaġġ.[8]

## Fil-Kungress Ewkaristiku t'Għawdex

Dan il-Kungress sar b'solennità kbira fl-1929. Direttament ma kellu x'jaqsam xejn mal-Madonna ta' Lourdes, imma billi fil-Kungress Ewkaristiku li kien sar f'Malta fl-1913 kien sar it-tberik tal-baħar, Għawdex ġara l-istess. F'Malta t-tberik tal-baħar kien sar minn biċċa miżjuda apposta mal-gallarija tal-Barrakka ta' Fuq, imma f'Għawdex iċ-ċerimonja saret minn ħdejn is-santwarju ta' Lourdes tal-Imġarr, fost daqq ta' qniepen, daqq ta' sireni tal-vapuri u sparar ta' murtali, fejn il-mijiet marru u ngabru *aux flambeaux* bix-xemgħa f'idejhom bħalma jsir f'Lourdes.[9]

## Pellegrinaġġ lejn Lourdes mal-isqfijiet

Fid-19 ta' Awwissu 1895 inġabru fil-knisja ta' San Ġwann il-Belt 112 pellegrin biex jibdew il-vjaġġ lejn Lourdes, immexxijin mill-isqfijiet ta' Malta u Għawdex. Il-pellegrinaġġ beda miexi lejn il-Port il-Kbir biex jitilgħu abbord, fost daqq ta' qniepen u kant ta' innijiet. Il-pellegrini libsu salib fuq sidirhom u mxew wara bandiera Maltija li nħadmet apposta mis-sorijiet tal-Istitut ta' Cini, fuq disinn tal-markiż Giuseppe Apap Testaferrata. Kellha fin-nofs irrakkmat salib bi tmien ponot u l-kliem bil-Franċiż, *Pelegrinage Maltais a Notre Dame de Lourdes*. Waslu Marsilja u komplew għas-santwarju tal-grotta.[10]


***Referenzi:***

1 Depiro, Nicholas *The international dictionary of artists who painted Malta* 2nd Edition (2002) p.296
2 Carmel Scicluna Bonnici *Il-Madonna tal-Abbandunati* Fil-programm festa Każin Banda San Filep (2004) p.174
3 Azzopardi, Doris f' Il-Mument (25-IV-2010) p.30; Il-Mument (16-VIII-2009); Il-Ħajja f'Għawdex (April 2010) p.11
4 Bugeja, Ġwann; Grima, Jos. F. *Minn ġrajjet il-parroċċa San Sebastjan, Ħal Qormi* (2007) p.6; Calleja, Toni *L-Għasri, storja tal-knisja* (2003) p.18; Grima, J.F. *Minn ġrajjet parroċċa Maltija, San Ġorġ ta' Ħal Qormi* (2003) p.86
5 Bezzina, John *Il-pittura fil-bażilika ta' San Ġorġ Għawdex* (1965) p.76-78
6 Camilleri OFM, P. Alfons *L-Għasri ta' tfuliti* Calleja, Toni (Ed.) f'Il-Korpus Nru. 34 (2010) p.76
7 Gauci, Gregory *Artistic heritage and treasures in St. Lawrence church Vittoriosa* (2004) p.28
8 Lanfranco, Guido *L-istatwi titulari u l-istatwarji tagħhom* (1999) p.36; Grech, Joseph *Vari ta' Malta u Għawdex* (1998) p.62
9 Bezzina, Joseph *Il-Kungress Ewkaristiku ta' Għawdex 1929* (1979) p.58
10 Galea, Michael *Malta, ġrajjiet storiċi* (2004) p.225